MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

SEDUTA TAL-21 TA' MEJJU, 2013

CITAZZJONI NUMRU. 348/2013

**AVUKAT DOTTOR MICHAEL ZAMMIT MAEMPEL [ID: 51677M] BĦALA MANDATARJU SPEĊJALI TAS-SOĊJETÁ ESTERA LUKOIL MARINE LUBRICANTS LIMITED**

**-VS-**

**IL-VAPUR "MV PACIFIC FUTURE" [IMO NO. 9177636] IRREĠISTRAT TAĦT IL-BANDIERA TAL-BELIZE**

**Il-Qorti ,**

Rat ir- Rikors Guramentat tar-rikorrenti tat-12 t'April 2013;

*1. "ILLI l-esponenti ingħata prokura specjali mis-socjetá estera Lukoil Marine Lubricants Limited datata 20 ta' Marzu, 2013 sabiex jaġixxi f'isimha f'dawn il-proceduri, liema prokura hija annessa u mmarkata bħala* ***Dok. B****;*

*2. ILLI s-socjetá Lukoil Marine Lubricants Limited hija socjetá rreġistrata fir-Repubbblika ta' Ċipru, u li apparti hija kumpanija ewlenija fil-qasam għat-tiftix taż-żejt, topera ukolli billi tforni l-vapuri u bcejjec oħra tal-baħar bi prodotti ta' żejt u 'marine lubricants';*

*3. ILLI r-rikorrent ipprovda prodotti ta' din ix-xorta lil vapur MV Pacific Future, liema vapur iġib in-numru ta' l-International Maritime Organisation Numru 9177636, għandu tunnellaġġ ta' 18,597 tunnellata, u għandu l-Call Sign V3KJ2; u liema prodotti kellhom il-valur ta' erbgħa u tletin elf, seba' mija u erbgħa u għoxrin Dollaru Amerikan u ħmistax-il centezmu ($34,724.15), illum ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin elf, ħames mija u tlieta u għoxrin Euro u tmien Eurocenteżmi (€25,523.08) – u dana bħalma jirriżulta mill-fattura annessa u mmarkata bħala* ***Dok. A****.*

*4. ILLI l-ħlas fuq il-fattura fuq imsemmija kellu jiġi effetwat sad-9 ta' Ottubru, 2012 u cjoé fi żmien tletin (30) ġurnata mill-konsenja tal-prodotti in kwistjoni;*

*5. ILLI dan il-ħlas ma sarx, u l-vapur in kwistjoni baqa' moruż sal-lum;*

*6. ILLI permezz ta' Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Baħar Nru. 456/2013, ippreżentat fil-25 ta' Marzu, 2013, il-vapur intimat ġie mwaqqaf milli jitlaq mill-ibħra Maltin, u għadu hekk impedid sal-lum;*

*7. ILLI fil-fehma ta' l-esponenti dan id-dejn huwa cert, likwidu, u dovut, u l-vapur intimat ma għandu l-ebda eccezzjonijiet x'jagħti f'dan ir-rigward;*

*8. ILLI għaldaqstant jeżistu c-cirkostanzi kollha meħtieġa sabiex dawn il-proceduri jinstemgħu ai termini ta' l-Art. 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, ir-rikorrenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, ai termini ta' l-art. 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikkjara illi l-vapur intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' erbgħa u tletin elf, seba' mija u erbgħa u għoxrin Dollaru Amerikan u ħmistax-il centezmu ($34,724.15), illum ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin elf,*

*ħames mija u tlieta u għoxrin Euro u tmien Eurocenteżmi (€25,523.08);*

*3. Tikkundanna lill-vapur intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma msemmija;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' Arrest Nru. 456/2013, u bl-imgħaxijiet legali mid-9 ta' Ottubru, 2013 sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-vapur intimat illi huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat li  l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament lill-intimat skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mill-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali;

Rat illi l-bastiment l-intimat fl-udjenza tal-llum it-Tlieta 21 ta'Mejju 2013 u fl-udjenza tal-Hamis 9 ta'Mejju 2013 , baqa' ma deherx;

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2013, Dr. Michael Zammit Maempel , bil-gurament, xhed u kkonferma illi l-ammont pretiz fir-rikors guramentat baqa' ma thallasx mill-bastiment intimat;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Guramentat jirrizultaw ippruvati, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**1. Tilqa' l-ewwel talba u ghalhekk qedgha tiddeciedi din il-kawza bid-dispenza mis-smiegh;**

**2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-bastiment intimat huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' erbgħa u tletin elf, seba' mija u erbgħa u għoxrin Dollaru Amerikan u ħmistax-il centezmu ($34,724.15),**

**illum ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin elf, ħames mija u tlieta u għoxrin Euro u tmien Eurocenteżmi (€25,523.08*)*;**

**3. Tilqa' t-tielet talba, u tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma imsemmija.**

**Spejjez u mghax kif mitlub kontra l-bastiment intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------